

Brussell, 30 ta' Settembru 2025
(OR. en)

13388/25

**Fajl Interistituzzjonali:
2025/0305 (NLE)**

**AGRI 454
FAO 45
ENV 911
RGA 5**

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	29 ta' Settembru 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2025) 564 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fi ħdan il-Korp Governattiv tat-Trattat Internazzjonali dwar ir-Riżorsi Ġenetiċi tal-Pjanti għall-Ikel u l-Agrikoltura fir-rigward ta' ċerti propositi sottomessi għall-adozzjoni matul il-11-il sessjoni tiegħu

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2025) 564 final.

Mehmuż: COM(2025) 564 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 29.9.2025
COM(2025) 564 final

2025/0305 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fi ħdan il-Korp
Governattiv tat-Trattat Internazzjonali dwar ir-Riżorsi Ġenetiċi tal-Pjanti għall-Ikel u l-
Agrikoltura fir-rigward ta' ċerti proposti sottomessi għall-adozzjoni matul il-11-il
sessjoni tiegħu**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Din hija proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni dwar l-emenda tat-Trattat Internazzjonali dwar ir-Riżorsi Ġenetiċi tal-Pjanti għall-Ikel u l-Agrikoltura (ITPGRFA, International Treaty on Plant Genetic Resources for Food and Agriculture) — “it-Trattat” — fil-11-il sessjoni tal-Korp Governattiv tat-Trattat li se ssir mill-24 sad-29 ta' Novembru 2025.

It-Trattat daħal fis-seħħ fl-2004. Huwa għandu l-għan li jiggarrantixxi s-sigurtà tal-ikel permezz tal-konservazzjoni, l-iskambju u l-użu sostenibbli tar-riżorsi ġenetiċi tal-pjanti għall-ikel u tal-agrikoltura dinjin, kif ukoll il-qsim ġust u ekwu tal-benefiċċji li jirriżultaw mill-użu tagħhom. L-ogħla organu tat-Trattat huwa l-Korp Governattiv. Huwa magħmul mill-Partijiet Kontraenti kollha għat-Trattat. L-Unjoni u l-Istati Membri kollha tagħha huma Partijiet Kontraenti għat-Trattat. Il-Korp Governattiv huwa intitolat jadotta emendi tat-Trattat u tall-annessi tiegħu. Dawk l-emendi jidħlu fis-seħħ wara r-ratifika, l-aċċettazzjoni jew l-approvazzjoni minn żewġ terzi tal-Partijiet Kontraenti.

Fil-qafas tat-Trattat ġiet stabbilita Sistema Multilaterali (MLS, Multilateral System) ta' aċċess u ta' qsim tal-benefiċċji għal 64 minn uħud mill-aktar għelejjel importanti tal-ikel u tal-foraġġ essenzjali għas-sigurtà u għall-interdipendenza tal-ikel (elenkati fl-Anness I tat-Trattat). L-iskambju tar-riżorsi ġenetiċi tal-pjanti huwa regolat minn Ftehim dwar it-Trasferiment ta' Materjal Standard (SMTA, Standard Material Transfer Agreement), li jiddefinixxi d-drittijiet u l-obbligi tal-fornitur u tar-riċevitur tal-materjal. Ġie stabbilit Fond għall-qsim tal-Benefiċċji (BSF, Benefit-sharing Fund) bħala l-mekkaniżmu għar-riċeviment u għall-użu tar-riżorsi finanzjarji li jakkumulaw mill-MLS għall-finanzjament ta' proġetti fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw.

In-negożjati li għandhom l-għan li jirrevedu l-MLS sabiex jiżdied il-fluss tad-dħul ibbażat fuq l-utenti għall-BSF ilhom għaddejjin fil-qafas tat-Trattat mill-2013. In-negożjati tmexxew mill-“Grupp ta' Ħidma Miftuħ *Ad hoc* biex jissaħħa il-Funzjonament tas-Sistema Multilaterali” li ġie stabbilit mill-Korp Governattiv fl-2013. Il-mandat tiegħu ġie estiż fl-2015 u fl-2017, u ġie stabbilit mill-ġdid fl-2022. L-14 u l-aħħar laqgħa tiegħu saru mis-7 sal-11 ta' Lulju 2025. Il-ħidma tiegħu rriżultat f'pakkett ta' miżuri li se jitqiesu għall-adozzjoni fil-11-il sessjoni tal-Korp Governattiv f'Novembru 2025. Dan il-pakkett jinkludi:

1. L-estensjoni tal-Anness I tat-Trattat, bl-objettiv li jsiru disponibbli aktar riżorsi ġenetiċi tal-pjanti fi ħdan l-MLS.
2. Ir-reviżjoni tal-SMTA, bl-objettiv li t-termini tiegħu jsiru aktar effettivi, filwaqt li jiġi rrispettat il-bilanċ tal-interessi tal-fornituri u tar-riċevituri tar-riżorsi ġenetiċi tal-pjanti.
3. Riżoluzzjoni li għandha takkumpanja l-emenda tal-Anness I tat-Trattat u r-reviżjoni tal-SMTA, bl-għan li jiġu indirizzati l-aspettattivi dwar il-qism tal-benefiċċji monetarji mill-użu ta' “informazzjoni diġitali dwar is-sekwenzi (DSI, digital sequence information)”. Il-kunċett tad-DSI (jiġifieri sekwenzi tal-ġenomi tal-pjanti li jistgħu jissarrfu f'karatteristiċi differenti u qed isiru għodod ta' riċerka u ta' tnissil dejjem aktar importanti) ma huwiex kopert fl-SMTA peress li huwa soġġett għal diskussjoni dwar xi jkopri eżattament. Pereżempju hemm diffikultà biex tiġi traċċata l-oriġini tiegħu jew biex tiġi traċċata l-kontribuzzjoni tiegħu għal

prodott ġdid u għalhekk biex jiġu kkalkolati l-benefiċċji li għandhom jinqasmu mill-użu tiegħu.

Tista' ssir finalizzazzjoni ta' dawn in-negozjati fil-11-il sessjoni li jmiss tal-Korp Governattiv li se ssir f'Novembru 2025. Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi l-pożizzjoni tal-Unjoni fir-rigward tal-estensjoni tal-Anness I tat-Trattat u tar-reviżjoni tal-SMTA.

Il-pożizzjoni tal-Unjoni hija li testendi kemm jista' jkun l-Anness I, u li elementi oħra tal-pakkett għandhom ikunu soġġetti għal din l-estensjoni. Ladarba jidħlu fis-seħħ, l-estensjoni tal-Anness I tat-Trattat u r-reviżjoni tal-SMTA jkollhom effetti legali. Għalhekk, hija meħtieġa awtorizzazzjoni tal-Kunsill biex jintlaħaq qbil dwar l-eżitu ta' dawn in-negozjati jekk ir-riżultat ikun f'konformità mal-pożizzjoni tal-Unjoni.

Din id-Deċiżjoni għandha tħassar ukoll id-Deċiżjoni preċedenti tal-Kunsill 12102/22 li ġiet adottata mill-Kunsill qabel id-disa' sessjoni tal-Korp Governattiv fl-2022, peress li tkopri biss l-estensjoni tal-Anness I iżda mhux l-elementi l-oħra li qed jiġu diskussi fil-11-il sessjoni li jmiss tal-Korp Governattiv.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika kkonċernat**

It-Trattat jipprovdi qafas globali legalment vinkolanti għall-konservazzjoni sostenibbli tar-riżorsi ġenetiċi tal-pjanti għall-ikel u l-agrikoltura u sistema multilaterali li skontha, il-partijiet kollha għat-Trattat mhux biss ikollhom aċċess għal tali riżorsi iżda jaqsmu wkoll il-benefiċċji li jirriżultaw mill-użu tagħhom. Il-proposta għandha l-għan li ttejjeb il-funzjonament tat-Trattat, u għalhekk hija konsistenti u tappoġġa l-politiki tal-Unjoni fl-oqsma tal-agrikoltura u tal-ambjent.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Din il-proposta għandha l-għan li tappoġġa l-qsim ġust u ekwu tal-benefiċċji li jirriżultaw mill-użu ta' riżorsi ġenetiċi tal-pjanti għall-ikel u l-agrikoltura fil-qafas tat-Trattat. Peress li l-benefiċċji akkumulati jintużaw għall-finanzjament ta' proġetti fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, din il-proposta hija konsistenti u tappoġġa s-sħubija internazzjonali u l-politika tal-iżvilupp tal-Unjoni.

2. **BAŻI LEGALI, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ**

- **Bażi legali**

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi li l-Kunsill, fuq proposta tal-Kummissjoni, jadotta deċiżjonijiet li jistabbilixxu *“l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f'isem l-Unjoni f'sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim.”*

L-Artikolu 218(9) tat-TFUE japplika irrispettivament minn jekk l-Unjoni hijiex membru tal-korp jew parti għall-ftehim.

Il-kunċett ta' *“atti li jkollhom effetti legali”* jinkludi atti li jkollhom effetti legali bis-saħħa tar-regoli tad-dritt internazzjonali li jirregolaw il-korp ikkonċernat. Jinkludi wkoll strumenti li ma jkollhomx effett vinkolanti skont id-dritt internazzjonali, iżda li *“jistgħu jinfluwenzaw b'mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatura tal-Unjoni”*.

Il-Korp Governattiv huwa korp stabbilit bi ftehim, jiġifieri t-Trattat li ġie adottat mill-Konferenza tal-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agricoltura tan-Nazzjonijiet Uniti (FAO, Food and Agriculture Organization of the United Nations) fit-3 ta' Novembru 2001 u dahl fis-seħħ fid-29 ta' Ġunju 2004.

L-Unjoni flimkien mal-Istati Membri tagħha huma Partijiet Kontraenti għat-Trattat.

L-att previst, li l-Korp Governattiv huwa mitlub jadotta, jikkostitwixxi att b'effetti legali. L-att previst se jkun vinkolanti fuq il-Partijiet Kontraenti skont id-dritt internazzjonali f'konformità mal-Artikoli 12(4), 23 u 24(2) tat-Trattat.

L-att previst la jissupplimenta u lanqas jemenda l-qafas istituzzjonali tat-Trattat.

Għaldaqstant, il-bażi legali proċedurali għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

Il-bażi legali sostantiva għal deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE tiddependi primarjament fuq l-oġettiv u fuq il-kontenut tal-att previst li fir-rigward tiegħu tittieħed pożizzjoni f'isem l-Unjoni. Jekk l-att previst isegwi żewġ għanijiet jew ikollu żewġ komponenti, u jekk wieħed minn dawk l-għanijiet jew minn dawk il-komponenti jkun identifikabbli bħala dak ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċement inċidentali, id-deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE trid tissejjes fuq bażi legali sostantiva unika, jiġifieri dik meħtieġa mill-għan jew mill-komponent ewlieni jew predominanti.

Fir-rigward ta' att previst li jsegwi għadd ta' oġettivi simultanjament, jew li għandu diversi komponenti, li huma marbuta b'mod inseparabbli mingħajr ma wieħed ikun inċidentali għall-ieħor, il-bażi legali sostantiva ta' deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE se jkollha tinkludi, eċċezzjonalment, id-diversi bażijiet legali korrispondenti.

L-att previst isegwi oġettivi u komponenti li jaqgħu fl-oqsma tal-agrikoltura u tal-protezzjoni tal-ambjent. Dawn l-oġettivi u l-komponenti huma marbuta b'mod inseparabbli mingħajr ma wieħed ikun inċidentali għall-ieħor.

Għalhekk, il-bażijiet legali sostantivi tad-deċiżjoni proposta huma l-Artikoli 43(2) u 192(1) tat-TFUE.

Il-bażijiet legali tad-deċiżjoni proposta għandhom ikunu l-Artikoli 43(2) u 192(1) tat-TFUE flimkien mal-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Mhux Applikabbli

- **Proporzjonalità**

Mhux Applikabbli

- **Għażla tal-istrument**

Skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE, l-istrument magħżul huwa l-uniku wieħed possibbli biex jinkiseb l-oġettiv ta' din il-proposta.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġislazzjoni eżistenti**

Mhux Applikabbli

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Ara hawn taħt.

- **Ġbir u użu tal-għarfien esperti**

Il-proposta hija mibnija fuq it-test tan-negozjati li se jitleqqi għall-adozzjoni fil-11-il sessjoni tal-Korp Governattiv f'Novembru 2025. Dan it-test tħejja mill-“Grupp ta’ Ħidma Miftuħ *Ad hoc* biex Jissaħħaħ il-Funzjonament tas-Sistema Multilaterali” li għe stabbilit mill-Korp Governattiv tat-Trattat. Il-ħidma ta’ dan il-Grupp inkludiet proċess iterattiv, fejn it-test għe prodott fil-laqgħat tal-Grupp, għe ppubblikat u mbagħad reġa’ tfassal abbażi tal-kummenti. L-esperti u l-partijiet ikkonċernati mill-pajjiżi kollha li huma Partijiet Kontraenti għat-Trattat kellhom l-oportunità li jikkontribwixxu għal dan il-proċess.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Mhux Applikabbli

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Mhux Applikabbli

- **Drittijiet fundamentali**

Il-proposta ma għandhiex impatti sinifikanti fuq il-drittijiet fundamentali.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-proposta ma għandhiex implikazzjonijiet għall-baġit.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta’ implimentazzjoni u arranġamenti għall-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Mhux Applikabbli

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

L-Artikolu 1 jispjega l-pożizzjoni li għandha tittieħed f’isem l-Unjoni fin-negozjati matul il-11-il sessjoni (jew sessjonijiet sussegwenti) tal-Korp Governattiv tat-Trattat fir-rigward tal-emendi tal-Anness I tat-Trattat u l-adozzjoni ta’ Ftehim rivedut dwar it-Trasferiment ta’ Materjal Standard.

L-Artikolu 2 jispjega l-kundizzjonijiet li skonthom il-pożizzjoni li għandha tittieħed f’isem l-Unjoni tista’ tiddevja mill-kontenut ta’ din id-Deċiżjoni tal-Kunsill.

L-Artikolu 3 jħassar id-Deċiżjoni preċedenti tal-Kunsill dwar l-istess suġġett.

L-Artikolu 4 jistabbilixxi d-data ta’ skadenza ta’ din id-Deċiżjoni tal-Kunsill.

L-Annessi I u II jagħtu aktar dettalji dwar il-pożizzjoni msemmija fl-Artikolu 1.

L-Anness III jagħti aktar dettalji dwar il-kundizzjonijiet msemmija fl-Artikolu 2.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fi ħdan il-Korp Governattiv tat-Trattat Internazzjonali dwar ir-Riżorsi Ġenetiċi tal-Pjanti għall-Ikel u l-Agrikoltura fir-rigward ta' ċerti proposti sottomessi għall-adozzjoni matul il-11-il sessjoni tiegħu

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 43(2) u 192(1), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) It-Trattat Internazzjonali dwar ir-Riżorsi Ġenetiċi tal-Pjanti għall-Ikel u l-Agrikoltura ("it-Trattat") ġie konkluż mill-Unjoni bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/869/KE⁽¹⁾ u daħal fis-seħħ fid-29 ta' Ġunju 2004.
- (2) Skont l-Artikolu 23 u l-Artikolu 24(2) tat-Trattat, il-Korp Governattiv stabbilit mit-Trattat ("il-Korp Governattiv") huwa intitolat jadotta emendi tat-Trattat u l-annessi tiegħu.
- (3) Matul il-11-il sessjoni tiegħu mill-24 sad-29 ta' Novembru 2025, il-Korp Governattiv għandu jeżamina u possibbilment jadotta deċiżjoni dwar proposta għal emendi tal-Anness I tat-Trattat li għandhom l-għan li jkopru r-riżorsi ġenetiċi tal-pjanti għall-ikel u għall-agrikoltura minbarra dawk li bħalissa jinsabu f'dak l-Anness. Ir-riżorsi ġenetiċi tal-pjanti inklużi fl-Anness I tat-Trattat huma koperti mis-sistema multilaterali ta' aċċess u qsim tal-benefiċċji ("is-Sistema Multilaterali") stabbilita skont it-Trattat.
- (4) Il-proposta għal emendi tal-Anness I tat-Trattat se tiġi eżaminata mill-Korp Governattiv f'pakkett ta' miżuri li se jinkludu wkoll proposta għar-reviżjoni tal-Ftehim dwar it-Trasferiment ta' Materjal Standard (SMTA), il-kuntratt standard li jirregola l-iskambju ta' materjal skont is-Sistema Multilaterali.
- (5) Dan il-pakkett ta' miżuri tħejja mill-Grupp ta' Ħidma Miftuħ *Ad hoc* biex Jissaħħaħ il-Funzjonament tas-Sistema Multilaterali, li ġie stabbilit mill-Korp Governattiv għal dan il-għan. L-Unjoni jenħtieġ li tappoġġa l-emendi proposti tal-Anness I tat-Trattat u r-reviżjoni tal-SMTA, peress li dawn huma mistennija jikkontribwixxu għall-kisba tal-oġettivi ewlenin tat-Trattat.
- (6) Ladarba tiġi aċċettata u wara r-ratifika, l-aċċettazzjoni jew l-approvazzjoni minn żewġ terzi tal-Partijiet Kontraenti, id-deċiżjoni tal-Korp Governattiv rigward l-emendi tal-Anness I tat-Trattat biex jiġu koperti aktar riżorsi ġenetiċi tal-pjanti għall-ikel u għall-agrikoltura u r-reviżjoni tal-SMTA se tkun vinkolanti fuq l-Unjoni. Għalhekk, jixraq li

⁽¹⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/869/KE tal-24 ta' Frar 2004 dwar il-konklużjoni, f'isem il-Komunità Ewropea, tat-Trattat Internazzjonali dwar ir-Riżorsi Ġenetiċi tal-Pjanti għall-Ikel u l-Agrikoltura (ĠU L 378, 23.12.2004, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2004/869/oj>).

tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fi ħdan il-Korp Governattiv fil-11-il sessjoni tiegħu jew fi kwalunkwe sessjoni sussegwenti li sseħħ matul il-perjodu ta' validità ta' din id-Deċizzjoni, jekk ma jintlaħaq l-ebda ftehim fil-11-il sessjoni tiegħu.

- (7) L-emendi tal-Anness I tat-Trattat u r-reviżjoni tal-SMTA ma jkunu jirrikjedu l-ebda bidla fid-dritt tal-Unjoni.
- (8) Sabiex ikun hemm il-flessibbiltà meħtieġa waqt in-negozjati matul il-11-il sessjoni tal-Korp Governattiv, jew fi kwalunkwe sessjoni sussegwenti jekk ma jintlaħaq l-ebda ftehim f'din il-11-il sessjoni, l-Unjoni jenħtieġ li tkun awtorizzata taqbel fuq bidliet tekniċi żgħar b'rabta ma' din id-Deċizzjoni fir-rigward tad-deċizzjoni li għandha tiġi adottata mill-Korp Governattiv dwar l-emendi tal-Anness I tat-Trattat u r-reviżjoni tal-SMTA, sakemm tali bidliet ma jbidlux is-sustanza ta' din id-Deċizzjoni.
- (9) Jenħtieġ li din id-Deċizzjoni tapplika għal perjodu ta' żmien limitat, li warajh, jekk l-emenda tal-Anness tat-Trattat u r-reviżjoni tal-SMTA ma jkunux ġew adottati, il-Kummissjoni jenħtieġ li tivvaluta l-effettività ta' din id-Deċizzjoni u tipproponi jekk għandhiex testendi l-applikazzjoni tagħha jew le, jew inkella temendahiex jew tħassarhiex.
- (10) Id-Deċizzjoni preċedenti tal-Kunsill 12102/22 li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fi ħdan il-Korp Governattiv tat-Trattat jenħtieġ li titħassar, peress li ma tirriflettix l-iżviluppi fi ħdan il-Grupp ta' Ħidma Miftuħ *Ad hoc* biex Jissaħħaħ il-Funzjonament tas-Sistema Multilaterali,

ADOTTA DIN ID-DEĊIZZJONI:

Artikolu 1

1. Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-11-il sessjoni tal-Korp Governattiv tat-Trattat Internazzjonali dwar ir-Riżorsi Ġenetiċi tal-Pjanti għall-Ikel u l-Agrikoltura ("it-Trattat") li għandha ssir mill-24 sad-29 ta' Novembru 2025, jew fi kwalunkwe sessjoni sussegwenti jekk ma jintlaħaq l-ebda ftehim fil-11-il sessjoni, fir-rigward tal-emenda tal-Anness I tat-Trattat dwar l-espansjoni tal-kopertura taħt is-Sistema Multilaterali ta' Aċċess u Qsim tal-Benefiċċji u l-adozzjoni ta' Ftehim rivedut dwar it-Trasferiment ta' Materjal Standard, għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' emenda tal-Anness I tat-Trattat u fuq l-abbozz rivedut tal-Ftehim dwar it-Trasferiment ta' Materjal Standard stabbiliti rispettivament fl-Annessi I u II.
2. Is-sistema ta' pagamenti obligatorji stabbilita mill-Ftehim rivedut dwar it-Trasferiment ta' Materjal Standard għandha tkun soġġetta għall-kundizzjonijiet relatati mad-dħul fis-seħħ tal-emenda tal-Anness I tat-Trattat.

Artikolu 2

Meta l-pożizzjoni msemmija fl-Artikolu 1 x'aktarx li tiġi affettwata minn informazzjoni xjentifika jew teknika ġdida ppreżentata qabel jew matul il-11-il sessjoni tal-Korp Governattiv, jew fi kwalunkwe sessjoni sussegwenti jekk ma jintlaħaq l-ebda ftehim fil-11-il sessjoni, jew meta l-Unjoni jeħtieġ li tidħol f'negozjati ulterjuri f'dik is-sessjoni, il-pożizzjoni tal-Unjoni tista' tkun soġġetta għal bidliet tekniċi żgħar li għandhom jiġu miftiehma fuq il-post, filwaqt li jiġu rrispettati l-prinċipji stabbiliti fl-Anness III.

Artikolu 3

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 12102/22 tat-13 ta' Settembru 2022 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Korp Governattiv tat-Trattat Internazzjonali dwar ir-Riżorsi Ġenetiċi tal-Pjanti għall-Ikel u l-Agrikoltura fir-rigward tal-emendi tal-Anness I ta' dak it-Trattat titħassar.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sal-31 ta' Diċembru 2029.

Artikolu 6

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri.
Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President
[...]